## UMANITAS

*L-art bir-rogħda, musfara*
*Proċessjoni bla tarf*
*Nemel jew ġrieden, għasafar ġo l-ikħal tas-sema.*
*Atlante taħt l-art*
*Bliet ta' l-imħabba mgħarrqa ġol-baħar.*
*Adam u Eva u wliedhom*
*Nisel bla sliem, proċessjoni ta' erwieħ indannati*
*L-Għajta ta' l-Imgħarrqin:*
*Tellagħna fil-wiċċ u roddilna għal darb'oħra*
*L-ikħal tas-sema miblugħ ġo l-aħdar ta' l-iġbla*
*Sider l-omm li tredda' u trabbi 'l uliedha*
*Misruqa, maħtufa fid-dagħbien*
*Ta' l-ilmijiet — Atlante mgħarrqa*
*Sodoma u Gomorra, maħruqa mill-Allat.*
*Nitolbu għan-nies ta' Atlante,*
*L-iġsma mgħarrqin, sodod maħruqa*
*Fl-ibliet ta' l-imħabba*
*Misjuqa ġol-qigħan tal-Baħar mishut.*

3.iii.72 — J. AQUILINA

## TRID TITGHALLEM

*Trid titgħallem ħafna ħwejjeġ fid-dinja*
*titgħallem tidħaq, titgħallem tibki*
*titgħallem kollox*
*titgħallem timxi mbè qabel tqum fuq riġlejk*
*titgħallem tgħix u tgħajjex, toktor u tkattar*
*titgħallem tinseġ fuq in-newl tal-ħajja*
*titgħallem tixtri u tbigħ,*
*tħaddan u titħaddan,*
*tirfes u tirtifes,*
*titgħallem dak kollu li l-ħajja tnewwillek fuq platt*
*biex tagħżel jew tarmi*
*u fl-aħħarnett*
*titgħallem tmut.*

13.iv.72 — J. AQUILINA